MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 89

29 ta' Jannar 2018

Minuti tas-seduta Nru. 89 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 29 ta' Jannar 2018 fis-6.00 pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.2.3. **(Ref: A/5/3/7)** tas-seduta preċedenti, u talab li tinbidel biex tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-attendenza fil-knisja tal-Manikata forsi kienet affettwata mill-fatt li kien hemm interval twil bejn tmiem il-Quddiesa u l-kunċert li ngħata. Huwa kkummenta wkoll li kien ikun aħjar li attività bħal dik saret fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa."*

1.3. Il-minuti tas-seduta Nru. 88 tat-8 ta' Jannar 2018, ġew approvati u ffirmati bl-emendi skont il-minuta 1.2. Kien hemm qbil li l-minuti kif approvati għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Lejla ta' qari ta' kitbiet **(A/5/5/Vol VII)**

2.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 4.3.1. tas-seduta ta' qabel u pproponiet li l-attività msemmija sseħħ fis-sala tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 23 ta' Frar 2018 fis-6.00pm.

2.1.3. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-attività ssir fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum waqt li dan ikun miftuħ.

2.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.1.3. u għalhekk talab li jsir kuntatt mad-direzzjoni taċ-Ċentru.

## 2.2.1. Żjajar kulturali għad-diplomatiċi **(A/5/3/Vol XV)**

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 17 ta' Jannar 2018 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li wassal l-intenzjoni tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u

Promozzjoni tal-Kummerċ sabiex jiġu organizzati żjajar fit-tliet lokalitajiet f'Malta u waħda f'Għawdex għal diplomatiċi barranin residenti Malta. Hija ppproponiet li possibilment l-Mellieħa tkun waħda minn dawn u għalhekk ikun tajjeb jekk jitfassal programm li ma jieħux iktar minn erba' siegħat.

2.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li ż-żjara għandha sseħħ f'Ġunju 2018 u tkun immexxija minn gwida kwalifikat u tkun tinkludi l-postijiet segwenti:

- Is-sede tas-Società Filarmonica La Vittoria;
- Forn tradizzjonali Malti li jinsab fi Triq il-Madonna tal-Għar;
- Is-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial;
- Is-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina;
- Ix-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija;
- Is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa;
- L-Irziezet ta' Selmun; u
- Waqfa għall-Ikel fl-Irziezett ta' Selmun li jiġi ppreparat mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata.

2.2.4. Kien hemm qbil li din id-deċiżjoni għandha tiġi komunikata lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 26/01/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 05/01/18 – 27/01/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – Laqgħa tal-Lokalità (Mellieħa) – 15/01/18
- Minuti – Laqgħa tal-Lokalità (Manikata) – 18/01/18
- Abbozz tal-Estimi 2018; u
- Abbozz tal-Pjan ta' Ħidma 2018 - 2020

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Clamping* u rmunkar ta' vetturi bin-numri ta' reġistrazzjoni barranin (W/3/Vol XI)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Jannar 2018, mibgħut minn Transport Malta li permezz tiegħu l-Kunsilli Lokali ġew mgħarrfa li b'effett mill-1 ta' Jannar 2018, l-istess Awtorità nediet proġett ta' infurzar permezz ta' *clamping* u rmunkar ta' vetturi bin-numru tar-reġistrazzjoni barranin li jkunu qegħdin ipparkjati f'postijiet pubbliċi b'mod illegali. Bi ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, din l-inizjattiva ġiet estiża għall-Kunsilli Lokali mingħajr ħlas, billi wieħed iċempel fuq numru 99179080 fi kwalunkwe ħin mit-Tnejn sal-Ħadd.

4.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Tindif fl-imsaġar tal-Aħrax (T/6/1/Vol III)

4.2.2. Saret referenza għal imejl datat 21 ta' Jannar 2018, mibgħut mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti tal-Mellieħa, fejn qed jgħarrfu lill-Kunsill li jixtiequ jagħmlu tindif volontarju ġewwa l-imsaġar tal-Aħrax fit-28 ta' Jannar, 4, 11, 18 u 25 ta' Frar 2018.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi l-i*skips* meħtieġa.

### 4.3.1. Premju Żagħżugħ tas-Sena 2017 (N/1/Vol II)

4.3.2. Inqrat ittra datata 25 ta' Jannar 2018, mibgħuta mill-Moviment Kerygma, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li n-nomina tal-Mellieħa Youths, imressqa minnu, kienet fost il-finalisti għall-premju msemmi. Il-Kunsill ġie mistieden jattendi għaċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni ser issir fis-16 ta' Frar 2018 fil-Knisja ta' San Duminka, ir-Rabat.

4.3.3. Il-Kunsill innota l-istedina.

### 4.4.1. PC 0079/17 – Bdil fil-linja tal-bini fi Triq il-Modd k/m Triq Vincenzo Ciappara (P/5/8/V)

4.4.2. Ġie spjegat li skont l-pjanti mgħoddija mill-Awtorità tal-Ippjanar il-proposta tinvolvi spustjar tal-linja tal-bini li tinsab fil-post imsemmi sabiex tinġieb ma' dik tal-*front garden*. L-Awtorità talbet l-opinjoni tal-Kunsill.

4.4.3. Il-Kunsill oġġezzjona għall-proposta mill-att estetiku, kif ukoll minħabba l-preċedenti li jinħoloq illi ċertament jipprovoka applikazzjonijiet simili minn proprjetarji oħra fl-istess triq.

### 4.5.1. Attivitajiet kulturali Reġjonali (A/5/3/Vol XII)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 16 ta' Jannar 2018, fejn il-President tar-Reġjun Tramuntana għarraf li s-Sotto-Kumitat fi ħdan il-Kumitat Reġjonali ppropona li jiġu organizzati tliet attivitajiet bit-tema *"Il-Franċiżi fit-Tramuntana 220 Sena Ilu"* li jikkonsistu fis-segwenti:

- 5 ta' Ġunju 2018 – Il-parteċipanti ser ikunu Mosta, Naxxar u Għargħur;
- 6 ta' Ġunju 2018 – Inżul mill-Mistra (Mellieħa); u
- 8 ta' Ġunju 2018 – Mtarfa, Mdina, u Rabat.

4.5.3. Kompla jiġi spjegat li lejn l-aħħar ta' Settembru huwa ppjanat li jkun hemm avveniment ieħor li jinvolvi l-folklor bis-sehem tas-Swieqi, Pembroke, San Pawl il-Baħar, Ħad Dingli, u l-Imġarr. F'Diċembru 2018 ikun hemm avveniment li jinkludi korijiet lokali u minn pajjiżi oħra li ser jagħtu kunċerti fil-knejjes tal-lokalitajiet kollha msieħba fir-Reġjun. Il-Kumitat Reġjonali kellu jkompli jiddiskuti dawn il-proposti fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2018.

4.5.4. Il-Kunsillier E. Bartolo spjega li l-attività illi tinvolvi l-Mellieħa, tikkonsisti f'*re-enactment* militari minn grupp barrani. Huwa qal wkoll li l-Kumitat Reġjonali qed jistenna li kull Kunsill Lokali jinnomina rappreżentanti fuq numru kumitati li ser jitwaqqfu fi ħdanu skont il-materja li ser jittrattaw.

4.5.5. Il-Kunsill iddeċieda li r-rappreżentanti tiegħu fuq il-Kumitat Reġjonali jkunu skont ir-responsabilitajiet assenjati mill-Kunsill.

### 4.6.1. Tismija ta' triq għal Edward Camilleri (T/4/1/Vol III)

4.6.2 Saret referenza għal ittra datata 6 ta' Jannar 2018 fejn il-kumitat tal-Mellieħa Sport Club ippropona li Triq Qasam Barrani tissemma mill-ġdid għall-Edward Camilleri li serva għal diversi snin bħala president tal-istess soċjetà, kif ukoll kien kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa li nċidentalment it-tnejn jinsabu fl-istess triq. Intqal ukoll li huwa ħadem volontarjament fil-qasam soċjali u reliġjuż tul ħajtu kollha.

4.6.3 Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha tiġi rakkomandata lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq a bażi tal-kontribut mogħti minn Edward Camilleri, ossija:

- Kien strumentali biex sar l-ewwel grawnd tal-futbol fil-Mellieħa;
- Bl-involviment fit-tmexxija tal-Mellieħa Sports Club huwa kien strumentali biex l-klabb akkwista u tejjeb iż-żewġ binjiet minn fejn opera minn kemm ilu li twaqqaf;
- Kien membru fl-Għaqda 8 ta' Settembru u President Nazzjonali tal-Leġjun ta' Marija;
- Ingħata l-onoreficenza Ġieħ il-Mellieħa; u
- Il-kontribut li huwa ta fil-qasam soċjali u bħala edukatur u sussegwentement bħala kap fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

## 4.7.1. Tqegħid ta' blokki f'Misraħ il-Parroċċa (A/6/3/1 Vol 127)

4.7.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Jannar 2018 mibgħut minn 3Eleven Ltd li ngħataw permess mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA 3239/17) sabiex jibnu boutique hotel u ristorant f'Misraħ il-Parroċċa bi dħul minn Triq il-Madonna tal-Għar. Ġie spjegat li l-istess Awtorità qed tesiġi li l-faċċatta l-antika fuq Misraħ il-Parroċċa tinżamm fl-istat li hi u għadaqstant jeħtieġ li tiġi mirfuda permezz tal-i*scaffolding* li jestendi lil'hinn mill-parapett sal-livell tal-misraħ.

4.7.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-iżviluppatur konċernat għandu jiġi kkuntattjat sabiex jillimita l-ingombru għall-parapett biss, minħabba l-problemi li jinħolqu f'okkażjonijiet speċjali bħalma hija l-Festa tal-Vitorja, eċċ.

## 5.1. Akkwist ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 26 ta' Jannar 2018.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Ħlasijiet marbuta ma' akkwist ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn it-2 u l-31 ta' Diċembru 2018.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-5 u s-27 ta' Jannar 2018.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fl-iskeda msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 7.1. Pjan dwar it-tqegħid ta' għamara quddiem barijiet u stabbilimenti li jservu l-ikel (T/4/10/Vol II)

7.2. Is-Sindku għarraf li dan is-suġġett ġie diskuss ma' uffiċjal mill-Awtorità tal-Ippjanar li kien involvut fit-tfassil tal-*Policy, Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Space.* L-istess uffiċjal ġibed l-attenzjoni dwar l-importanza li l-Kunsill ifassal pjan li sussegwentement jiġi approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar, wara li ssir *Outline Development Application*. L-istess applikazzjoni jeħtieġ li titfassal wara li jsir *survey* dettaljat tal-*areas* li fl-opinjoni tal-Kunsill għandhom potenzjal f'dan is-sens. Kemm-il darba dan jiġi approvat, anke permessi li diġà ngħataw u oħrajn futuri jiġu regolati fuq l-istess linji.

7.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li dan il-pjan għandu jkun wieħed ollistiku li ma jkunx limitat biss għall-imwejjed u siġġijiet, iżda jidħol ukoll fuq it-tip ta' żvilupp li għandu jiġi permess, il-konservazzjoni ta' bini antik u fatturi oħra relatati.

7.4. Is-Segretarju ġibed l-attenzjon li l-paragrafu 3.1 tad-dokument imsemmi jipprovdi b'mod ċar li l-pjan jista' jinvolvi biss *"Outdoor Catering Area"*. Fatturi bħalma huma t-tip ta' żvilupp li għandu jiġi permess jibqgħu regolati mill-Pjan Lokali u l-linji gwida mfassla mill-Awtorità tal-Ippjanar.

7.5. Kien hemm qbil li l-punti mqajma fil-minuti 7.3 u 7.4 għandhom jiġu ċċarati mal-uffiċjali tal-Awtorità tal-Ippjanar konċernati, qabel il-Kunsill jidħol għal din l-iniżjattiva.

## 8.1. Pavimentar ta' Triq l-Inkurunazzjoni, skema ta' dwal ġodda fi Triq il-Qortin, u fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna (P/4/29)(T/4/13/Vol XII)(E/1/3/Vol IV)

8.2. Is-Sindku għarraf li attwalment għaddejjin kuntatti mal-Awtorità tal-Ippjanar dwar it-tliet proġetti msemmija. Is-Sur J. Buttigieg qal li fir-rigward ta' l-iskema dwar dwal ġodda fi Triq il-Qortin, il-ftehim mistenni li jiġi ffirmat fil-jiem li ġejjin u ser jinvolvi għotja li ma' teċċedix €58,857.14.

8.3. Ġie spjegat li fir-rigward tat-tisbiħ ta' Triq l-Inkurunazzjoni, qed jiġi analizzat il-*bill of quantities* minn naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikun stabbilit liema *items* huma eliġibbli u hekk l-għotja tiġi bbażata fuqhom.

8.4. Fil-każ ta' Triq Għajn Żejtuna, il-*Contracts Manager* responsabbli mid-dwal tat-toroq intalab jipprepara *bill of quantities* skont ir-rati tal-kuntratt attwali dwar l-installazzjoni u manutenzjoni tad-dwal tat-toroq, li jammonta €82,229. Abbażi tiegħu saret applikazzjoni lill-Awtorità sabiex jiġu allokati l-fondi meħtieġa.

8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**9.1. Pavimentar taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali (P/4/3/Vol IV)**

*9.2.* Is-Sindku aġġorna lill-Kunsill dwar il-kuntatti li ilhom għaddejjin mal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni B'Diżabilità, fejn issa jidher li ntlaħaq kompromess mal-Kunsill Parrokkjali Pastorali sabiex issir rampa tal-injam li tiġi nkorporata fiz-zuntier, biswit il-Belveder tas-Sur. Is-Sur J. Buttigieg aċċenna wkoll li l-Awtorità kienet diġa ħarġet permess sabiex din ir-rampa ssir fuq in-naħa ta' Triq Salvinu Vella, iżda rriżulta illi ma kinitx aċċettabbli għall-Kunsill Parrokkjali Pastorali. Għaldaqstant issa saret applikazzjoni bil-għan li jiġi emendat il-permess oriġinali – PA 1631/17. Intqal ukoll li fil-permess maħruġ ġie eliminat għall-kollox l-użu tal-porfido u jista' jitqiegħed biss pavimentar tal-qawwi.

9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:-

***"Billi skont il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandhom jiġu ppreżentati l-Estimi u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar ta' Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u***

***U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nri. 86, 87, u 88 tat-28 ta' Novembru 2017, 18 ta' Diċembru 2017, u 8 ta' Jannar 2018, rispettivament, kif ukoll saru żewġ laqgħat tal-lokalità separati għar-residenti fil-Mellieħa u l-Manikata, fil-15 u t-18 ta' Jannar 2018, skont ma jitlob l-imsemmi Att;***

***Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2018 u l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2018/2020, skont l-abbozz finali mressaq.".*** **(F/1/29)**

10.1. Il-Kunsill approva l-mozzjoni b'mod uninimu mingħajr emendi wara li din ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 11.1. Proġett *"Small Markets at the Heart of the European Economy"* (P/10/25)

11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret li l-ħames u l-aħħar konferenza parti mil-proġett imsemmi hawn fuq ser issir f'Casalborgone, bejn is-16 u l-21 ta' Mejju 2018, u ser titratta t-tema *"The Need and Assistance of Micro Business"*. Hija qalet ser jintbagħtu ittri lil min jista' jkun interessat u b'xi mod involut f'dan il-qasam sabiex tiġi ffurmata d-delegazzjoni, u hekk jiġu bbukkjati t-titjiriet ħalli ma jkunx hemm spejjeż żejda.

11.3. Kien hemm qbil li flimkien mal-Onor. C. Bartolo u l-Dr G. Cordina, fid-delegazzjoni għandu jkun hemm il-Kunsillieri J. Gauci jew H. Fenech, u possibbilment membru/i mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata.

**12.1. Proġett *"Magna Żmien"* (I/1/2/Vol VII)**

12.2. Is-Sindku għarraf li huwa flimkien mas-Segretarju ltaqgħu mad-diriġenti tal-proġett imsemmi, li huwa ffinanzjat mill-Fondazzjoni Valletta 2018. Huwa spjega li dan jinvolvi l-ġbir ta' materjal bħalma huma diski, films, ritratti, u żigarelli li minnhom indirettament joħroġ l-istil ta' ħajja li kienu jgħixu l-Malti fil-passat riċenti. L-iskop huwa sabiex dawn jiġu arkivjati taħt forma diġitali u jinżammi fl-Arkivji Nazzjonali sabiex ikunu aċċessibbli għar-riċerkaturi. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li fl-istess laqgħa ssemmew ċerti nies mill-Mellieħa li jista'

għandhom dan it-tip ta' materjal. Għaldaqstant huwa maħsub li ssir laqgħa għalihom matul ix-xaħar ta' Frar.

12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-kontribut tiegħu f'dan il-proġett.

**13.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)**

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li kompetizzjonijiet tas-*Snooker* tas-*Singles* u d-*Doubles* ser jibdew fil-5 ta' Frar 2018. Ser ikun hemm 14-il parteċipant minn tliet timijiet differenti – iċ-Ċentru Laburista; il-Mellieħa Sports Club; u mill-Għaqda Mużikali Imperial.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Titjib fit-taraġ u passaġġ li jagħti minn Triq il-Marfa għal Triq Dun Franġisk Sciberras (R/2/3)**

14.2. Is-Sindku rrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin fuq il-proġett imsemmi u għarraf li twaqqa' il-ħajt l-antik li tmermer flimkien mat-taraġ li jħares fuq Triq il-Marfa. Is-Sur J. Buttigieg qal li dawn kienu qed jinbnew mill-ġdid iżda reġgħu twaqqgħu mill-kuntrattur stess sabiex jiġi msaħħaħ b'suletta tal-konkos u b'ħajt tal-franka warajħ marbut bil-ktajjen mal-qoxra ta' barra. Bil-metodu li kien qed jinbena biħ il-ħajt it-terrapien kien qed jimbotta l-qoxra ta' barra.

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**15.1. Tipjip barra barijiet u ristoranti (L/6/1)**

15.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li spiss jinnota kwantità ta' *filters* tas-sigaretti barra barijiet u ristoranti. Huwa qal li dan jirriżulta minn nuqqas ta' *ash trays* barra dawn l-istabbilimenti u għalhekk staqsa jekk huwiex il-każ li jiġu ntrodotti *bye-laws* biex jiġi kkontrollat dan in-nuqqas.

15.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li wieħed għandu jara xi tgħid il-liġi u r-regolamenti dwar it-tipjip.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fit-8:30 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 20 ta' Frar 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**